

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1139/2007**ta' l-1 ta' Ottubru 2007****dwar l-awtorizzazzjoni ta' L-arginine bħala addittiv fl-għalf****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrimient ta' l-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri sabiex tingħata tali awtorizzazzjoni.
- (2) Applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni għet imressqa għal L-arginine bħala aċidu aminiku.
- (3) Minħabba li l-applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni għet imressqa qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, għet imressqa taħt id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċerti prodotti użati fl-għalf ta' l-annimali ⁽²⁾. Sa mit-18 ta' Ottubru 2004, l-aċidi aminiċi, l-imluħ tagħhom u l-analogi jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. L-applikazzjoni għandha għalhekk tiġi kkunsidrata bħala applikazzjoni taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (4) Sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġie mressaq tagħrif addizzjonali bħala appoġġ għall-applikazzjoni.

- (5) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' L-arginine bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha ta' l-annimali, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' l-addittivi "addittivi nutrittivi" u l-grupp funzjonali "aċidi aminiċi, l-imluħ tagħhom u l-analogi".
- (6) L-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tas-17 ta' April 2007 ⁽³⁾ li L-arginine ma jħallix effett negattiv fuq is-saħħa ta' l-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Ikkonkludiet ukoll L-arginine ma jippreżenta ebda riskju ieħor li, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, jeskludi l-awtorizzazzjoni. Hija ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Ir-rapport fuq il-metodu ta' analiżi ta' l-addittiv ta' l-għalf fl-għalf ġie sottomess mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 lill-Awtorità. Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni, previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandha tiġi awtorizzata, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi 'addittivi nutrittivi' u mill-grupp funzjonali 'aċidi aminiċi, l-imluħ tagħhom u l-analogi', hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf ta' l-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

⁽²⁾ ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/116/KE (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 81).

⁽³⁾ Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi u Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali dwar is-sigurtà u l-effettività tal-prodott L-arginine prodott bil-fermentazzjoni minn *Corynebacterium glutamicum* (ATCC-13870) għall-ispeċi kollha ta' l-annimali. Adottata fis-17 ta' April 2007. *Il-Ġurnal EFSA* (2007) 473, p. 1-19.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni ta' l-addittiv	L-isem tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorja ta' l-animmal	Età massima	Kontenut		Dispożizzjonijiet oħra	Tmien tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						minimu mg/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdià ta' 12 %	massimu mg/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdià ta' 12 %		
Kategorija ta' addittivi nutritivi. Grupp funzjonali: aċidi aminiċi, l-imluħ tagħhom u l-analogi									
3c3.6.1	—	L-arginine	Karatterizzazzjoni ta' l-addittiv: L-arginine 98 % Prodott minn <i>Corynebacterium glutamicum</i> (ATCC 13870) $C_6H_{14}N_4O_2$ Metodu analitiku Il-metodu Komunitarju għad-determinazzjoni ta' l-aċidi aminiċi (Direttiva 98/64/KE tal-Kummissjoni li temenda l-Direttiva 71/393/KEE (1))	L-ispeċi kollha	—	—	—	—	22.10.2017

(1) ĠU L 257, 19.9.1998, p. 14.